MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# STQARRIJA GĦALL-MIDJA

## Aġġornament lill-investituri li għandhom investiment fl–ARM Asset Backed Securities S.A.

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ["MFSA"] tixtieq taġġorna lil dawk l-investituri li għandhom investiment fl- ARM Asset Backed Securities S.A. ("ARM").

Fl-istqarrija għall-midja tat-22 ta' Ottubru 2013, l-Awtorità kienet infurmat lill-pubbliku li Mark James Shaw u Malcolm Cohen ta' BDO LLP, impriża ta' awdituri u konsulenti professjonali fir-Renju Unit, inħatru bħala likwidaturi ta' ARM fuq ordni tal-High Court of Justice tal-Ingilterra u Wales. Il-likwidaturi proviżorji għandhom il-poter esklussiv li jikkontrollaw u jamministraw in-negozju ta' ARM.

Fl-14 ta' Jannar 2014, il-likwidaturi proviżorji ħargu nota biex jinfurmaw lill-investituri fl-ARM li jridu jimlew 'identification request form' [kopja mehmuża u disponibbli fuq il-websajt tal-MFSA] u jirritornawha lil-likwidaturi proviżorji sa **mhux iktar tard mill-Ħamis 13 ta' Frar 2014. L-investituri jridu jibgħatu wkoll kopja tal-'contract notes' bħala verifika li għandhom investiment fl-ARM**.

**F'każ li l-investituri ma jibgħatux din il-formula, hemm ċans li jiġu esklużi milli jirċievu distribuzzjonijiet mingħand l-ARM fil-futur.**

Il-likwidaturi proviżorji se jlaqqgħu lill-investuri nhar it-**Tnejn, 3 ta' Frar 2014, fis-siegħa ta' wara nofs in-nhar (GMT), f'Londra**. Din il-laqgħa ser ssir biex jaġġornaw lill-investituri u jiddiskutu l-proċess u l-għażliet li għandu min ħareg il-bonds u fuq il-propjetà tiegħu fiċ-ċircostanzi kurrenti. Dawk il-Bondholders li jixtiequ jattendu għal din il-laqgħa għandhom jimlew il- 'pre-registration form' [kopja mehmuza u disponibbli fuq il-websajt tal-MFSA] u jibagħtuha lil-likwidatur proviżorju sa mhux iktar tard mill-Ħamis, 30 ta' Jannar 2014, flimkien mal-verifika tal-investiment tagħhom u mezz ta' identifikazzjoni. Waqt il-laqgħa tat-3 ta' Frar 2014, l-investituri ser jivvutaw biex jaħtru membri biex ikunu parti mill-kumitat tal-investituri fl-ARM, sabiex il-likwidaturi proviżorji jkunu jistgħu jikkonsultaw magħhom fuq bażi regolari, u dawn il-membri se jingħataw informazzjoni li ma tkunx pubblika.

In-nota li ppubblikaw il-likwidaturi, flimkien mal-formoli li għandhom jimlew l-investituri, huma aċċessibbli fuq il-website tal-likwidatur proviżorju: www.bdo.co.uk/arm-abs-sa .

L-investituri għandhom jitolbu l-informazzjoni u assistenza l-ewwelnett mingħand l-entità li permezz tagħha investew fl-ARM jew mingħand dik l-entità li magħha issa għandhom l-

investiment tagħhom irreġistrati.  Dawn l-entitajiet għandhom l-informazzjoni kollha kif ukoll id-dokumentazzjoni li l-investituri jeħtieġu sabiex jimlew l-'identification form' korrettament.

F'każ ta' dubju, l-MFSA tirrakkomanda li l-investituri jikkuntatjaw konsulent indipendenti biex jgħinhom jimlew dawn il-formoli.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**17 ta' Jannar 2014**
**Ref: MFSA MR 02/2014**